MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 121/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**
**vs**
**Alexander D’ Amato**

Kumpilazzjoni Nru: 121/2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander D’ Amato ta’ 42 sena, bin il-mejjet Vincent u Rozina nee’ Mangion, imwieled Zurrieq residenti fil-fond numru 29 Triq San Gorg Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 253068M.

Akkuzat talli fis-6 ta’ Ottubru 2010 ghall-habta tas-19:00hrs;

1) Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ bieb tal-injam, letter box u hasira, liema

ammont ta’ hsara jiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta’ Luigi Schembri miz-Zurrieq;
2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;
3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hedded jew ingurja lil Luigi Schembri.
Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvediment ta’ l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Luigi Schembri.

Rat l-artikoli 325, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma fit-28 ta’ Frar 2011 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero kkontesta l-ammont tal-hsara kawzata.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero kkontesta l-ammont tal-hsara kawzata. Ghalhekk dak li kellu jigi pruvat quddiem din il-Qorti kien l-ammont tal-hsara ai fini ta’l-ewwel imputazzjoni.

Illi jirrizulta li l-imputat ikkawza hsara fil-*letter box*, fil-hasira tal-pvc, u fil-bieb ta’ barra tad-dar ta’ Luigi Schembri.

Illi l-ufficjal prosekutur prezentat xi stiemi u ricevuti mghoddija lilha mill-parte civile. B’mod partikolari prezentat ricevuta ta’ dsatax il-Euro (€19.00) ghall-*letter box* u stima ta’ tmenin Euro (€80.00) ghall-hasira.

Prezentat ukoll stima ghat-tiswija fuq il-bieb ghall-ammont ta’ disgha u tmenin Euro (€89.00) u stima ghal bieb gdid f’l-ammont ta’ (€1,250.00). L-imputat qed jikkontesta l-ammonti relatati mar-rimpjazz tal-bieb. Pendente lite l-parte civile ghamel tiswijiet fil-bieb pero ma jirrizultax kemm hallas ghalihom.

Illi fuq talba tad-difiza gie nominat espert biex jirrelata dwar il-hsarat fil-bieb u biex jikkwantifika l-ammont tal-hsara. L-espert, Joseph Barabara, espleta l-inkarigu tieghu u kkonferma li l-bieb kif inhu huwa tajjeb u llikwida l-hsara (inkluz l-ispejjez ghat-tiswija) f’l-ammont ta’ mija u tmenin Euro (€180.00).

Illi l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita l-istima maghmula mill-espert minnha mqabbad u konsegwentement hija tal-fehma li ai fini ta’l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-ammont ta’ hsara li giet pruvata hija mitejn disgha u sebghin Euro (€279.00), ammont li jkopri l-hsara kkawzata fil-bieb, fil-hasira u l-*letter box*.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li f’l-ahhar udjenza mizmuma l-imputat hallas is-somma ta’ mitejn u tmenin euro (€280.00) lill-parte civile. Mill-fedina penali jidher li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat gie kkundannat minhabba reati simili pero fil-kaz in ezami huwa ghamel tajjeb ghall-hsara minnu ikkawzata u in vista tar-rabta familjari bejn l-imputat u l-parte civile l-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 ta’l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Luwigi Schembri u ghaz-zammha ta’l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputat

b’obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta’ sena li ma ddejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmi Luigi Schembri taht penali ta’ elfejn Euro (€2,000). In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 ta’l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ mija tnejn u hamsin Euro (€152.00) rapprezentanti spejjez in konnessoni mal-hatra ta’ esperti.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------